

Brussell, 27 ta' Ottubru 2023  
(OR. en)

14761/23

---

**Fajl Interistituzzjonali:**  
**2023/0313(NLE)**

---

**SAN 621**  
**FISC 243**  
**UD 241**

**NOTA PUNT "A"**

---

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Kunsill

---

Suġġett: Konvenzjoni ta' Qafas tad-WHO dwar il-Kontroll fuq it-Tabakk (FCTC) – L-għaxar sessjoni tal-Konferenza tal-Partijiet (COP10) (il-Panama 20-25 ta' Novembru 2023)

a) Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjonijiet li għandhom jittieħdu f'isem l-Unjoni Ewropea fl-għaxar sessjoni tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Qafas tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) dwar il-Kontroll fuq it-Tabakk (FCTC)

- Adozzjoni

b) Pożizzjonijiet tal-Unjoni u pożizzjonijiet komuni

- Approvazzjoni

---

1. L-Għaxar sessjoni tal-Konferenza tal-Partijiet (COP10) għall-Konvenzjoni ta' Qafas dwar il-Kontroll fuq it-Tabakk (minn hawn 'il quddiem "FCTC") ser issir fil-Panama mill-20 sal-25 ta' Novembru 2023.
2. Fis-7 ta' Settembru 2023, il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjonijiet li għandhom jittieħdu f'isem l-Unjoni Ewropea fl-għaxar sessjoni tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Qafas tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa dwar il-Kontroll fuq it-Tabakk<sup>1</sup>, abbażi tal-Artikolu 114 TFUE flimkien mal-Artikolu 218(9) TFUE. L-Anness għall-proposta kien jinkludi pożizzjonijiet dwar kważi l-punti kollha fuq l-Aġenda tal-COP10.

---

<sup>1</sup>12851/23 + ADD 1

3. Fil-laqgħa tiegħu tat-18 ta' Ottubru 2023, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti ddeċieda dwar approċċ ibridu<sup>2</sup>. Dan kien jikkonsisti fl-abbozz emendat tad-Deċiżjoni tal-Kunsill u fl-addendum li jinkludi l-pożizzjonijiet dwar it-tliet punti tal-Aġenda tal-COP10 identifikati mill-Kummissjoni fil-proposta tagħha bħala li għandhom effett legali minn naħa waħda, u nota li tinkludi l-pożizzjonijiet tal-Unjoni u l-pożizzjonijiet komuni dwar il-bqija tal-punti tal-Aġenda tal-COP 10, min-naħa l-oħra.

Permezz ta' bidla waħda, il-Kumitat laħaq qbil b'unanimità dwar l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill u l-addendum tiegħu<sup>3</sup>. Permezz ta' bidla waħda, il-Kumitat laħaq ukoll qbil b'konsens dwar in-nota bil-pożizzjonijiet tal-Unjoni u l-pożizzjonijiet komuni<sup>4</sup>. Il-Kumitat qabel li jirrakkomanda lill-Kunsill biex jadottahom u japprovahom bħala punti "A" fuq l-aġenda ta' waħda mil-laqgħat tiegħu li jmiss.

4. F'dan l-isfond, il-Kunsill hu mistieden biex:

- jadotta d-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjonijiet li għandhom jittieħdu f'isem l-Unjoni Ewropea fl-għaxar sessjoni tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Qafas tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) dwar il-Kontroll fuq it-Tabakk (FCTC), wara reviżjoni mill-ġuristi lingwisti, kif tinsab fid-dokument 14437/23 u jadotta l-Anness għad-Deċiżjoni tal-Kunsill kif tinsab fid-dokument 14437/23 ADD1;
- japprova l-pożizzjonijiet tal-Unjoni u l-pożizzjonijiet komuni għall-Għaxar sessjoni tal-Konferenza tal-Partijiet (COP) tal-Konvenzjoni ta' Qafas tad-WHO dwar il-Kontroll fuq it-Tabakk (FCTC), kif jinsabu fid-dokument 14595/23;
- idaħħal fil-minuti tal-Kunsill id-dikjarazzjonijiet fl-addendum għal din in-nota;
- jinforma lill-Parlament Ewropew bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (14437/23) u l-Anness tagħha (14437/23 ADD1) f'konformità mal-Artikolu 218(10) TFUE;
- jaqbel li, minħabba s-sensittività tad-Deċiżjoni tal-Kunsill u l-addendum, il-pubblikazzjoni tagħhom fil-Ġurnal Uffiċjali għandha tiġi posposta l-aktar kmieni sal-1 ta' Diċembru 2023.

---

<sup>2</sup> 14194/1/23 REV 1

<sup>3</sup> 13837/23 + ADD 1

<sup>4</sup> 14172/23